MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 594/2002

**Vincenza Barbara, Doris Bonanno, Mary Chircop, Michael Barbara r-ragel ta’ l-attrici Vincenza, Emanuel Bonanno r-ragel ta’ l-attrici Doris Bonanno u Alfred Chircop ir-ragel ta’ l-attrici Mary Chircop ghal kull interess li jista’ jkollhom**

**Vs**

**Raymond u Mary konjugi Camilleri u Direttur Ufficcju Kongunt ghal kull interess li jista’ jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mill-atturi permezz ta’ liema jitolbu li jigi dikjarat u deciz illi: (a) il-qbiela ta’ l-art maghrufa bhala “Ta’ Dinieri” sive “Tad-Dmieri”, fil-limiti ta’ San Blas, Haz-Zebbug, kif murija fuq pjanta Dok. “A” annessa ma’ l-Avviz, ghaddiet indivisibilment ghand il-kontendenti ahwa Camilleri; (b) il-konvenuti konjugi Camilleri ma jistghux jostakolaw lill-atturi, hut il-konvenut Raymond Camilleri, mid-dgawdija ta’ parti mill-istess raba’ li tmiss lilhom; u (c)

li b’opra ta’ perit nominand taqsam ir-raba’ in kwistjoni f’erba’ partijiet ugwali u tassenja kull parti lill-kontendenti ahwa Camilleri, bl-ispejjez kontra l-konvenuti konjugi Camilleri. Gie dikjarat li l-valur lokatizju ta’ l-ghalqa in kwistjoni ma jaqbizx is-somma ta’ Lm50 (illum ekwivalenti ghal €116.46) fis-sena;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Camilleri permezz ta’ liema jeccepixxu: (a) l-inkompetenza *ratione materiae* ta’ din il-Qorti in kwantu l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjonijiet u divizjonijiet in konnessjoni ma’ titolu ta’ qbiela li ma Hijiex kompetenti li tidhol fihom; (b) li t-tielet talba attrici hija fi kwalunkwe kaz insostenibbli fid-dritt peress illi l-ebda gabillot ma ghandu d-dritt illi jitlob id-divizjoni ta’ qbiela indiviza in kwantu kirja agrikola hija indivizibbli minghajr il-kunsens ta’ sid il-qbiela; u li (c) Michael Barbara, Emanuel Bonanno u Alfred Chircop fi kwalunkwe kaz ma ghandhom l-ebda interess guridiku fit-talbiet proposti, filwaqt illi l-konvenuta Mary Camilleri ma hijiex il-legittima kontradittrici;

Rat illi l-konvenut Direttur Ufficcju Kongunt, ghalkemm debitament notifikat bl-Avviz promotur naqas milli jipprezenta Eccezzjonijiet ghall-istess;

Rat id-Digriet tat-3 ta’ April 2003 permezz ta’ liema l-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia gie nominat bhala sekwestratarju gudizzjarju *pendente lite* in rigward l-amministrazzjoni ta’ l-ghalqa u l-kamra ta’ l-ghodda mertu tal-kontestazzjoni;

Rat is-sentenza Taghha tal-25 ta’ Frar 2004 bis-sahha ta’ liema gew michuda l-ewwel u t-tieni eccezzjoni sa’ dak l-istadju sollevati mill-konvenuti konjugi Camilleri u gie orndat li jitkompla s-smigh tal-kawza, bl-ispejjez baqghu riservati ghall-gudizzju finali;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) pronuncjata fl-1 ta’ Dicembru 2004 bis-sahha ta’ liema giet ikkonfermata s-sentenza tal-25 ta’ Frar 2004, u l-atti tal-kawza gew rimessi ghal quddiem din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni fil-mertu;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri tal-konvenuti konjugi Camilleri, awtorizzata bl-Digriet datat 10 ta' April 2006, permezz ta' liema jeccepixxu: (1) l-inkompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 747(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi t-talba principali ta' l-atturi hija ghall-gharfien tad-dritt ta' qbiela taghhom solidalment mal-konvenuti u ghalhekk, irrispettivament mill-*quantum* tal-qbiela annwa pagabbli fuq din ir-raba', il-valur tat-talba attrici huwa wiehed incert u indeterminat; u li (2) it-titolu ta' qbiela jirrivesti unikament fil-konvenut Raymond Camilleri a tenur tad-definizzjoni ta' "cessjonarju tal-kirja" u "kerrej" fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-imsemmi konvenut qed igawdi l-kirja bil-kunsens ta' missieru, il-kerrej rikonoxxut mis-sid, u, f'kull kaz, fil-mument tal-mewt tal-kerrej (li ma ddisponiex dwar it-titolu ta' qbiela tar-raba' in kwistjoni b'legat) kien il-konvenut li kien qed jahdem dan ir-raba';

Rat l-affidavits ta' Vincenza Barbara, Michael Barbara, Doris Bonanno, Emanuel Bonanno, Mary Chircop, Alfred Chircop, Paul Camilleri, Emanuela Busuttil[1] u rat id-dokumenti esebiti mill-atturi a fol. 92 sa' 112 tal-process. Semghet ix-xhieda ta' Victor Vella, rapprezentant tad-Direttur ta' l-Agrikoltura, moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2005[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 119 u 122 tal-process. Semghet ix-xhieda ta' Joseph Sciriha, rapprezentant ta' l-Ufficcju Kongunt, moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Novembru 2005[3]. Rat l-affidavits tal-konvenuti konjugi Camilleri u ta' Aaron Camilleri[4]. Semghet ix-xhieda ta' Michael Vella moghtija waqt is-seduti tas-7 ta' April 2008[5] u tat-8 ta' Ottubru 2008[6] u rat id-dokument esebit minnu a fol. 168 tal-process, u semghet ix-xhieda ta' Mario Abela moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2008[7];

[1] Dok. "AM1" sa' Dok. "AM8", fol. 80 sa' 91 tal-process.
[2] Fol. 114 sa' 118 tal-process.
[3] Fol. 127 sa' 129 tal-process.
[4] Fol. 148 sa' 150 tal-process.
[5] Fol. 158 sa' 160 tal-process.
[6] Fol. 167 tal-process.
[7] Fol. 169 sa' 170 tal-process.

Rat illi b'Digriet datat 3 ta' Gunju 2009 gie nominat il-Perit Alan Saliba, a spejjez provizorji ta' l-atturi, sabiex jirrelata dwar il-qasma tar-raba' mertu tal-kontestazzjoni u rat id-Digriet tal-15 ta' Jannar 2010 permezz ta' liema il-Perit Tekniku l-AIC Alan Saliba gie awtorizzat jaccedi mill-gdid fir-raba' in kwistjoni sabiex jaghmel il-posti necessarji skond pjanta minnu mhejjija. Rat ir-Relazzjonijiet tal-Perit Tekniku l-AIC Alan Saliba a fol. 197 sa' 212 u a fol. 221 sa' 230 tal-process u semghet ix-xhieda moghtija mill-Perit Tekniku waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2010[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-atturi a fol. 38 u 39 tal-process u n-Nota Responsiva tal-konvenuti konjugi Camilleri a fol. 47 tal-process, rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-atturi a fol. 173 sa' 178 tal-process u n-Nota Responsiva tal-konvenuti konjugi Camilleri a fol. 180 sa' 182 tal-process, u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti konjugi Camilleri dwar l-eccezzjoni ulterjuri taghhom a fol. 236 tal-process u s-sentenzi annessi maghha a fol. 237 sa' 254 tal-process, u n-Nota Responsiva ta' l-atturi a fol. 255 sa' 257 tal-process;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-atturi jitolbu li l-Qorti tiddikjara li l-qbiela tar-raba' maghrufa bhala "Ta' Dinieri" sive "Tad-Dmieri" fil-limiti ta' San Blas, Haz-Zebbug, precedentement f'isem missierhom Giovanni Maria Camilleri, illum mejjet, ghaddiet inidivisibilment ghand l-atturi Vincenza Barbara, Doris Bonanno, Mary Chircop u il-konvenut Raymond Camilleri, ahwa Camilleri u konsegwentement taqsam, bl-opra ta' Perit nominand, ir-raba' in kwistjoni f'erba' partijiet ugwali u tassenja parti lil kull wiehed mill-ahwa Camilleri.

Il-konvenuti konjugi Camilleri jilqghu ghat-talbiet attrici b'diversi eccezzjonijiet fosthom, l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti. Dik l-

[8] Fol. 215 sa' 216 tal-process.

eccezzjoni però giet michuda b’sentenza ta’ din il-Qorti datata 25 ta’ Frar 2004, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) b’sentenza pronuncjata fl-1 ta’ Dicembru 2004. B’eccezzjonijiet ulterjuri awtorizzati fl-10 ta’ April 2006, il-konvenuti konjugi Camilleri mill-gdid jikkontestaw il-kompetenza ta’ din il-Qorti biex tisma’ u tiddetermina l-azzjoni in ezami, din id-darba in bazi ghall-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza *ratione valoris*.

F’dan ir-rigward il-konvenuti konjugi Camilleri jikkontendu li *din il-Qorti m’hijiex tintalab zgumbrament mir-raba’ de quo izda dritt lokatizju daqs ta’ l-intimati u d-divizjoni tal-lokazzjoni bejn il-kontendenti. Illi kwindi dawn it-talbiet ghandhom valur mhux determinat u kwindi l-kompetenza hi tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili a tenur ta’ l-artikolu 741B tal-Kap.12 kif aktar imfisser fl-artikolu 746 sa’ 766 ta’ l-istess Kodici*[9], u dana skond dak deciz f’ zewg sentenzi pronuncjati mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-ismijiet “Concetta Chircop et v. Emanuel Tanti et” Citaz. Nru. 2336/00 deciza fis-6 ta’ Gunju 2001 u “Vincent Mifsud et v. Paul Mifsud et” Citaz. Nru. 1737/00 deciza fl-1 ta’ April 2004.

Il-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti dwar din l-eccezzjoni ulterjuri ta’ l-inkompetenza *ratione valoris*, hi tal-fehma li tali eccezzjoni hija guridikament insostenibbli u ghaldaqstant ghandha tigi michuda.

Jibda biex jigi osservat illi kemm fis-sentenza ta’ din il-Qorti tal-25 ta’ Frar 2004 kif ukoll fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) ta’ l-1 ta’ Dicembru 2004, oltre l-kwistjoni ta’ l-inkompetenza *ratione materiae* giet trattata wkoll il-kwistjoni tal-kompetenza tal-Qorti *ratione valoris* – konsiderazzjoni li setghet issir *ex officio* mill-Qrati imsemmija in kwantu kwistjoni ta’ ordni pubbliku[10].

---

[9] Nota ta’ l-Osservazzjonijiet tal-konvenuti konjugi Camilleri a fol. 236 tal-process.

[10] Paul Borg v. Jane Vassallo, Appell Civili Nru. 782/01 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta’ Dicembru 2003.

Fis-sentenza tal-25 ta’ Frar 2004 gie ikkunsidrat u osservat li *mill-ezami ta’ l-istess Avviz, jidher li l-istess Qorti qed tintalab sabiex l-ewwel nett tirrikonoxxi d-dritt tal-kontendenti kollha li huma kemm fil-fatt u kemm fil-Ligi jiddetjenu b’titolu ta’ kera ossija qbiela, kwart (1/4) indiviz ta’ l-istess ghalqa. Dan fil-fatt ma hux rikonoxximent ta’ dritt reali izda ta’ dritt personali u hawnhekk tinsab radikata l-kompetenzata’ din il-Qorti ‘ratione materiae’. In rigward dan il-punt, dan certament ma jaqax fil-kompetenza ta’ xi Tribunal specjali kostitwiti mill-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta’ Malta (ara l-artikoli 34 et seq. tal-Kapitolu citat). Inoltre, trattasi ta’ dritt personali li ma jeccedix bhala valur il-Lm5,000, din il-Qorti hi pjenament kompetenti anke “ratione valoris” sabiex tisma u tiddeciedi t-talbiet in ezami*[11]. Fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) ta’ l-1 ta’ Dicembru 2004 gie ribadit li *l-azzjoni kif proposta ma tinvolvi l-ebda kwestjoni dwar proprjetà izda merament materja ko-involgenti l-kirja ta’ l-ghalqa in diskussjoni, b’talbiet tendenti ghar-rikonoxximent tad-drittijiet reciproci dwar l-istess kirja u l-ahjar mod ta’ tgawdija dwawrha. Mhux projbittiv ghalhekk illi l-Qorti adita tiehu konjizzjoni, u tiddeciedi, dwar talba ghall-qasma ta’ l-istess ghalqa tenuta in lokazzjoni. Hu car ukoll illi l-valur li jeradika l-kompetenza, hu f’dan il-kaz stabbilit mill-valur lokatizju tal-ghalqa. Valur, li f’dan il-kaz, ma jirrizultax kontestat li jirrientra fil-liiti tal-kompetenza tal-Qorti Civili tal-Magistrati*[12].

Jirrizulta ferm car li fis-sentenza tal-25 ta’ Frar 2004 din il-Qorti ddikjarat ruhha kompetenti kemm *ratione materiae* kif ukoll *ratione valoris* biex tisma’ l-kaz in ezami u din il-kompetenza giet ikkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza ta’ l-1 ta’ Dicembru 2004. Ladarba l-kwistoni dwar il-kompetenza ta’ din il-Qorti *ratione valoris* già tinsab determinata bl-imsemmija sentenzi, il-konvenuti konjugi Camilleri ma jistghux jergghu jissollevawha bhala eccezzjoni ulterjuri. Barra minhekk, fic-cirkostanzi japplika wkoll dak provdut fl-Artikolu 777 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioè li *l-Qorti ta’ l-ewwel grad, li tigi iddikjarata*

---

[11] Sottolinear tal-Qorti.
[12] Sottolinear tal-Qorti.

*bhala l-qorti kompetenti mill-Qorti ta' l-Appell, ghandha tisma' u tiddeciedi l-kawza*.

Apparte dan appena osservat, il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenuti konjugi Camilleri li t-talbiet attrici kif impostati ghandhom valur indeterminat u bhala tali jezorbitaw il-kompetenza Taghha. Kif già osservat u determinat fil-imsemmija sentenzi tal-25 ta' Frar 2004 u ta' l-1 ta' Dicembru 2004, bl-azzjoni attrici l-atturi qed jitolbu r-rikonoxximent tat-titolu ta' qbiela taghhom flimkien ma' huhom il-konvenut Raymond Camilleri fuq ir-raba' maghrufa bhala "Ta' Dinieri" sive "Tad-Dmieri", San Blas, Haz-Zebbug, u konsegwentement jitolbu l-qasam ta' din ir-raba' f'erba' porzjonijiet ugwali bl-assenjazzjoni ta' porzjoni lil kull wiehed minnhom. Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li meta f'kawza jintalab ir-rikonoxximent ta' titolu ta' lokazzjoni jew qbiela fuq fond jew raba' skond il-kaz, il-Qorti ghandha bilfors, ghall-finijiet ta' kompetenza in raguni tal-valur ta' l-oggett *in lite,* tara x'inhu l-valur lokatizju tal-fond jew raba'. Ghalkemm generalment dan il-principju jigi applikat fi proceduri ghal zgumbrament minn fond jew raba' minhabba okkupazzjoni bla titolu meta l-konvenut jirrinfaccja lill-attur b'titolu ta' lokazzjoni jew qbiela fuq il-fond jew raba'[13], il-Qorti ma tara ebda raguni ghalfejn l-istess principju ma ghandux jigi applikat fi proceduri li ma jinvolvux talba ghal zgumbrament izda li jirrivolvu madwar ir-rikonoxximent tat-titolu ta' lokazzjoni jew qbiela skond il-kaz.

Fil-kaz in ezami gie dikjarat mill-atturi li l-valur lokatizju tar-raba' in kwistjoni huwa ta' Lm50.00, illum ekwivalenti ghal €116.46, fis-sena u tali dikjarazzjoni dwar ma gietx kontestata jew kontradetta mill-konvenuti konjugi Camilleri. B'hekk la l-valur lokatizju tar-raba' in kwistjoni jaqa' entro l-kompetenza ta' din il-Qorti, necessarjament isegwi li din il-Qorti hi kompetenti *ratione valoris* biex tkompli tisma' u tiddeciedi l-kaz in ezami.

---

[13] Maria Sammut v. Lawrence Sammut et, Citaz. Nru. 2268/96 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-eccezzjoni ulterjuri ta' l-inkompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti ghandha tigi michuda.

Fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti konjugi Camilleri jilqaghu ghat-talbiet attrici bl-eccezzjoni li *t-tielet talba*, ossia t-talba ghad-divizjoni tar-raba' in kontestazzjoni, *hija fi kwalunkwe kaz insostenibbli fid-dritt in kwantu l-ebda gabillot ma ghandu d-dritt illi jitlob id-divizjoni ta' qbiela indiviza, in kwantu kirja agrikola hija indivizibbli minghajr il-kunsens ta' sid il-qbiela.* Din l-eccezzjoni giet michuda bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar 2004, kif in segwitu kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) bis-sentenza ta' l-1 ta' Dicembru 2004. In segwitu ghal dawn id-decizjonijiet però il-konvenuti konjugi Camilleri ssollevaw l-eccezzjoni ulterjuri li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghaliex it-titolu ta' qbiela fuq ir-raba' in kontestazzjoni jirrivesti unikament fil-konvenut Raymond Camilleri stante li huwa cessjonarju tal-kirja u kerrej a tenur ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jibda biex jigi osservat illi din il-Qorti hija kompetenti kemm *ratione materiae*[14] kif ukoll, ghall-istess ragunijiet appena esposti, *ratione valoris*, biex tiddetermina jekk bhala fatt il-konvenut Raymond Camilleri ghandux o meno titolu ta' qbiela fuq ir-raba' in kwistjoni a tenur ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.199 tal-Ligijiet ta' Malta, ad eskluzjoni ta' hutu Vincenza Barbara, Mary Chircop u Doris Bonanno, kif minnu pretiz.

A tenur ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.199 tal-Ligijiet ta' Malta *cessjonarju tal-kirja* tinkludi *sub-konduttur u, meta ma jkunx hemm la persuna li lilha tkun giet ceduta l-kijra u lanqas subkonduttur, il-persuna li tkun attwalment tgawdi l-kirja bil-kunsens espress jew tacitu tal-kerrej,* u *kerrej* tinkludi *kull membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkunx hemm ebda membru bhal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull*

14 Michael Caruana v. Emanuel Micallef et, Appell Civili – Ghawdex Nru. 40/92 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Lulju 2003.

*membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej; tinkludi wkoll, relattivament ghal sullokatur, sub-konduttur, liema kelma ghandha titqies f'dik ir-relazzjoni bhala li jkollha l-istess tifsira bhal kerrej fl-estensjoni shiha tieghu*.

Meta l-fatti ta' dan il-kaz jigu kkunsidrati fid-dawl tad-definizzjoni ta' *cessjonarju tal-kirja* u *kerrej* moghtija fl-Artikolu 2 tal-Kap.199 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta immedjatament evidenti li t-tieni eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti konjugi Camilleri ma tistax tregi.

Mill-provi prodotti, u partikolarment mid-dokumenti esebiti mill-atturi a fol. 99 sa' 110 tal-process u mix-xhieda ta' Victor Vella, rapprezentant tad-Direttur ta' l-Agrikoltura, u d-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2005[15], jirrizulta li r-raba' in kwistjoni kienet giet trasferita minn Giovanni Maria Camilleri, missier l-atturi u l-konvenut ahwa Camilleri li miet fl-4 ta' Mejju 2001, a favur l-erba' uliedu in kwantu ghall-kejl ta' 1.3.8 kull wiehed, fid-29 ta' Mejju 1986, ghalkemm sa' llum il-qasma materjali tar-raba' – li hija l-mertu ta' l-azzjoni attrici – ghadha, s'issa, ma gietx attwata.

Huwa ormai rikonoxxut fis-sistema guridika nostrali li missier li jiddetjeni raba' bi qbiela jiddividi f'hajtu din l-istess raba' bejn uliedu. Tali ripartizzjoni ta' raba' ma hijiex haga infrekwenti anzi, spiss tokkorri. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **A. Bonello Limited v. Luigi Agius et, Appell Civili Nru. 44/00** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Mejju 2005, *il-legalità ta' tali ftehim bejn il-missier u il-konvenuti appellati* [uliedu] *kien possibbli fit-termini tal-ligi specjali. <u>Skond id-definizzjonijiet li nsibu fil-Kapitolu 199 l-appellati huma inkwilini ex lege bhala 'cessjonarji tal-kirja' f'liema espressjoni huma komprizi anke s-sub-kondutturi</u>*[16].

[15] Fol. 114 sa' 122 tal-process.
[16] Sottolinear ta' din il-Qorti.

B'hekk kontra dak pretiz mill-konvenuti konjugi Camilleri, il-konvenut Raymond Camilleri ma huwiex l-uniku inkwilin tar-raba' in kontestazzjoni ad eskluzjoni ta' hutu l-atturi Vincenza Barbara, Mary Chircop u Doris Bonanno, izda bir-ripartizzjoni ta' l-istess raba' mill-missier Giovanni Maria Camilleri bejn l-erba' uliedu, l-erba' ahwa Camilleri huma ko-inkwilini tar-raba' maghrufa bl-isem "Ta' Dinieri" sive "Tad-Dmieri" limiti ta' San Blas, Haz-Zebbug. Ghaldaqstant, it-tieni eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti konjugi Camilleri ma tistax tirnexxi.

Il-konvenuti konjugi Camilleri jilqaghu ghat-talbiet attrici wkoll bl-eccezzjoni li Michael Barbara, Emanuel Bonanno u Alfred Chircop, l-irigel ta' l-atturi Vincenza Barbara, Doris Bonanno u Mary Chircop, ma ghandhom l-ebda interess guridiku fit-talbiet proposti, filwaqt li l-konvenuta Mary Camilleri ma hijiex legittima kontradittrici f'dawn il-proceduri. Fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni wkoll ghandha tigi michuda peress hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dak li jirrigwarda l-konvenuta Mary Camilleri, ossia mart il-konvenut Raymond Camilleri, ftit li xejn jistghu jargumentaw b'success il-konvenuti li hi ma hijiex legittima kontradittrici f'dawn il-proceduri meta fl-affidavit tieghu l-konvenut Raymond Camilleri jiddikjara li *nghid li din ir-raba' dejjem hdimtha ma' missieri qabel mamrad u kienu jigu jghinuni l-mara tieghi Marianna u ibni Aaron. Meta missieri marad bqajt nahdimha wahdi flimkien mal-familja tieghi*[17]. Ghal dak li jirrigwarda Michael Barbara, Emanuel Bonanno u Alfred Chircop jinghad illi *qua* konjugi ta' l-atturi Vincenza Barbara, Doris Bonanno u Mary Chircop u fid-dawl tad-definizzjoni ta' kerrej a tenur ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.199 tal-Ligijiet ta' Malta, bla dubju ta' xejn ghandhom interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri li bihom, fost affarijiet ohra, qed jintalab ir-rikonoxximent tat-titolu ta' qbiela tan-nisa taghhom fuq ir-raba' in kwistjoni. L-interess taghhom f'dawn il-proceduri jista' jitqies bhala interess purament morali izda, u dan kif ormai stabbilit fil-

[17] Fol. 150 tal-process, sottolinear tal-Qorti.

gurisprudenza nostrali[18], b'daqshekk ma jfissirx li ma ghandhomx l-interess guridiku necessarju biex jippromuovu, flimkien man-nisa taghhom, dawn il-proceduri fil-konfront tal-konvenuti konjugi Camilleri, u jibqghu fihom sad-determinazzjoni finali taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ghandha tigi michuda wkoll.

Stabbilit illi l-atturi Vincenza Barbara, Mary Chircop u Doris Bonanno u l-konvenut Raymond Camilleri, ahwa Camilleri, huma ko-inkwilini tar-raba' mertu tal-kontestazzjoni, jonqos issa jigi stabbilit jekk l-istess raba' tistax tigi diviza f'erba' porzjonijiet ugwali u kull porzjoni tigi assenjata lil kull wiehed mill-ahwa Camilleri, kif mitlub mill-atturi fit-tielet talba taghhom.

Ghall-fini li jigi determinat jekk ir-raba' in kwistjoni hijiex komodament divizibbli f'erba' porzjonijiet ugwali l-Qorti nnominat lill-Perit Alan Saliba li fir-Relazzjoni tieghu ipprezentata fl-20 ta' Ottubru 2009[19], ikkonkluda li: (i) ir-raba' in kontestazzjoni tista' tinqasam f'erba' porzjonijiet ugwali kif indikat fil-pjanta imhejjija minnu u markata Dok. "AS1", fol. 206 tal-process; (ii) kull wiehed mill-ahwa Camilleri jigi assenjat porzjon mir-raba' permezz tax-xorti; (iii) il-parti tar-raba' li tinkorpora l-kamra, il-bir u passagg, indikata fuq il-pjanta Dok. "AS2" annessa mar-Relazzjoni a fol. 207 tal-process, ghandha tibqa' komuni bejn l-ahwa Camilleri u ghandha tintuza minnhom ghal stagun kull wiehed li jalterna kull sena skond tabella imhejjija mill-Perit Tekniku a fol. 203 tal-process, sabiex kull wiehed minnhom jmissu l-istaguni kollha fuq medda ta' kull erba' snin; u li (iv) f'din il-parti mir-raba' li ghandha tibqa' komuni bejn l-ahwa Camilleri ghandu jithalla passagg wiesgha 1.5m li jissepara din il-parti komuni mill-porzjon numru 1.

In segwitu ghall-konkluzzjonijiet tieghu l-Perit Tekniku gie ulterjorment inkarigat sabiex jimmarka l-erba' porzjonijiet

---

[18] Alex Mangion v. Anthony Cilia Pisani, Citaz. Nru. 628/03 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju 2004.
[19] Fol. 197 sa' 212 tal-process.

fuq il-post u jaghmel il-qsami necessarji. Dana fil-fatt sar[20] u l-qsami apparte li jinsabu indikati fuq il-post gew ukoll indikati fuq pjanta imhejjija mill-Perit Tekniku u markata Dok. “AS1a” a fol. 230 tal-process.

In vista tal-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku l-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex tghaddi biex tordna li r-raba’ in kontestazzjoni tinqasam f’erba’ porzjonijiet ugwali bejn l-ahwa Camilleri bil-mod u skond il-kondizzjonijiet indikati mill-Perit Tekniku, salv ghal dak li se jinghad iktar ‘il quddiem f’din is-sentenza, u li kull wiehed u wahda mill-erba’ ahwa Camilleri jigi assenjat porzjoni minn din ir-raba’ bix-xorti[21].

Apparte l-aspetti imsemmija mill-Perit Tekniku fir-Relazzjoni tieghu, ossia l-parti li ghandha tibqa’ komuni u l-passagg li jiddividi din il-parti mill-porzjoni numru 1, il-Qorti ser tqis fil-kuntest tal-qasma tar-raba’ in kontestazzjoni, fatturi ulterjuri li fil-fehma Taghha ghandhom jigu trattati ghall-fini ta’ l-ahjar tgawdija tar-raba’ da parte ta’ l-ahwa Camilleri u sabiex possibilment jigu evitati disgwidi u kwistjonijiet ulterjuri bejniethom:

- Fid-dawl ta’ dak li gara fil-kuntest tan-nomina tas-sewkestratarju gudizzjarju l-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia sabiex jamministra r-raba’ in kwistjoni u l-kammra ta’ l-ghodda pendenti l-ezitu ta’ dawn il-proceduri, il-Qorti hi tal-fehma li jkun utili ghat-tgawdija w uzu pacifiku tal-kamra sitwata fuq il-parti tar-raba’ li ghandha tibqa’ komuni bejn l-ahwa Camilleri, li kull wiehed mill-ahwa Camilleri jkollu cavetta tal-kamra sabiex meta jkun imiss lilu jew lilha l-uzu tal-kamra, tali uzu ma jigix ostakolat;
- L-access mit-tirq ghall-porzjonijiet kollha li fihom ser tigi diviza r-raba’ in kontestazzjoni ghandu jigi ezercitat: (a) bir-rigel mill-fetha li hemm fil-parti li ser tibqa’ komuni bejn l-ahwa Camilleri, liema access jista’ jigi ezercitat minn kull wiehed u wahda mill-ahwa Camilleri tul is-sena kollha indipendentement minn min minnhom ikun attwalment qed igawdi l-uzu tal-parti komuni; u (b) bil-

[20] Relazzjoni pprezentata fl-4 ta’ Marzu 2010.

[21] Nazzareno Fenech v. Rita Vella et, Citaz. Nru. 410/88 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Frar 2005.

vettura mill-fetha li hemm fil-porzjon numru 4 u ghal tali skop ghandu jithalla passagg wiesgha ghaxar piedi minn mal-hajt tas-sejjiegh fil-porzjonijiet kollha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Camilleri u z-zewg eccezzjonijiet ulterjuri minnhom sollevati, tilqa’ t-talbiet attrici kollha u konsegwentement tordna l-qasma tar-raba’ “Ta’ Dinieri” sive “Tad-Dmieri” fil-limiti ta’ San Blas, Haz-Zebbug, murija fuq il-pjanta Dok. “A” annessa ma’ l-Avviz, bejn l-atturi Vincenza Barbara, Mary Chircop, Doris Bonanno u l-konvenut Raymond Camilleri, ahwa Camilleri, skond il-pjan ta’ qasma imhejji mill-Perit Tekniku l-AIC Alan Saliba kif jidher mill-pjanta markata Dok. “AS1” a fol. 206 u taht is-segwenti kondizzjonijiet: (i) il-porzjonijiet jigu assenjati lill-ahwa Camilleri bix-xorti; (ii) ghandhom jigu rispettati l-qsami già immarkati fil-post mill-Perit Alan Saliba u murija fuq il-pjanta Dok. “AS1A” a fol. 230 tal-process; (iii) il-parti mir-raba’ fejn hemm il-kamra, il-bir u passagg, indikata fuq il-pjanta Dok. “AS2” a fol. 207 tal-process, tibqa’ komuni bejn l-ahwa Camilleri; (iv) f’din il-parti mir-raba’ komuni bejn l-ahwa Camilleri jithalla passagg wiesgha 1.5m li jissepara din il-parti komuni mill-porzjon numru 1; (v) kull wiehed u wahda mill-ahwa Camilleri jaghmel uzu minn din il-parti komuni ghal stagun kull wiehed li jalterna kull sena skond tabella imhejjija mill-Perit Tekniku a fol. 203 tal-process, sabiex kull wiehed minnhom jmissu l-istaguni kollha fuq medda ta’ kull erba’ snin; (vi) kull wiehed u wahda mill-ahwa Camilleri jkollu cavetta ghall-kamra li tinsab fil-parti komuni; u (vii) l-access mit-tirq ghall-porzjonijiet kollha jigi ezercitat bir-rigel mill-fetha li hemm fil-parti komuni u dana tul is-sena kollha indipendentement min mill-ahwa Camilleri ikun f’dak il-mument attwalment qed igawdi l-uzu tal-parti komuni, u bil-vettura mill-fetha li hemm fil-porzjon numru 4 b’dana li jithalla passagg wiesgha ghaxar piedi minn mal-hajt tas-sejjiegh fil-porzjonijiet kollha.

L-assenjazzjoni bix-xorti tal-porzjonijiet ghandha ssir fil-31 ta’ Jannar 2012 fl-12:00p.m. fil-bini tal-Qorti, taht is-supervizjoni tal-Perit Alan Saliba u tali assenjazzjoni

ghandha tigi verbalizzata bil-miktub u debitament iffirmata mill-partijiet kontendenti u pprezentata mill-Perit Alan Saliba fl-atti ta’ dawn il-procerduri. Il-Qorti tinnomina lill-Avukat Dottor Graziella Bezzina bhala Kuratur Deputat biex tidher ghal min mill-partijiet kontendenti jonqos li jidher ghall-assenjazzjoni bix-xorti tal-porzjonijiet u/jew jonqos li jiffirma l-verbal relattiv ghall-assenjazzjoni.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, hlief dawk relattivi ghas-sentenza ta’ din il-Qorti tal-25 ta’ Frar 2004, ghandu jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet kontendenti, filwaqt li l-ispejjez relattivi ghas-sentenza tal-25 ta’ Frar 2004 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti konjugi Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------